MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 317/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Emily Muscat (Id. 219862M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf u tlett mitt ewro u sitt centezmi (€1,300.06) minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut fir-rigward ta' servizzi rezi lilha skond kuntratt bin-numru 415166, u dana fix-xhud ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' elf u tlett mitt ewro u sitt centezmi (€1,300.06), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------